MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 1070/1999/1

**International Trading Company**

**Vs**

**Mario u Carmel ahwa Debono**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li bih id-ditta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess ditta attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u sebghin Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm672.17) bilanc ta' somma akbar dovuta lis-socjeta attrici, prezz ta' merkanzija debitament konsenjata lill-konvenuti u li ghadha ma thallsitx.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta' l-ittri interpellotorji datati 10 ta' Marzu 1999, 19 ta' Mejju 1999 u 3 ta' Gunju 1999, u l-mandat ta' sekwestru prezentat ma' l-avviz, bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 17 tal-istess atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

Illi kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-ammont minnhom mitlub mis-socjeta attrici huwa esagerat.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun li ssir referenza ghal diversi verbali ta' seduti, kif risultanti mill-atti u kif ser jinghad:-

a) Fil-5 ta' Dicembru 2000, meta dehru l-avukati rispettivi tal-partijiet, gie dikjarat li "…. Hemm possibilita ta' transazzjoni stante li gie gabar il-parti l-kbira tal-flus" (fol 18 ibid).

b) Fis-26 ta' Marzu 2001 gie dikjarat mill-Avukat difensur tad-ditta attrici, illi "….l-kaz kwazi gie transatt" (fol 19 ibid).

c) Fit-30 ta' Jannar 2002 jinsab verbalizzat li l-kaz qed jigi differit "… biex il-partijiet jivverifikaw il-bilanc li jista' jkun dovut. (fol 21 ibid)

d) Pero, fl-17 ta' Gunju 2002, presenti, biss, l-Avukat difensur tad-ditta attrici, l-istess Qorti giet informata "… li ma saret l-ebda laqgha dwar dan il-kaz" (fol 22 ibid).

e) Fit-2 ta' Dicembru 2002 (fol 23 ibid) xehdet <u>Jacqueline Higgins</u> (fol 24 sa fol 45 ibid) li hi wahda mid-diretturi tad-ditta attrici li "… hija Limited Liability Company". Din ikkonfermat li l-ammont specifikat fl-avviz kien u ghadu dovut mill-konvenuti u dan in konnessjoni ma xiri ta' "…oggetti ta' dawl u ilma ossija 'fittings' ta' plumbing u elettriku kif ukoll xi accessorji …." U dwar dan esebit il-fatturi kollha relattivi. Pero fl-istess waqt, dan ix-

xhud ikkonfermat ukoll li "… l-ITC Ltd ghandha taghti xi flus lill-konvenuti 'ammontanti ghal Lm372. Konsegwentement id-ditta attrici kellha tithallas, b'mod nett, minghand il-konvenuti, s-somma ta' Lm300 (ara fol 43 ibid).

f) Fil-25 ta' Marzu 2003, presenti l-Avukati difensuri tal-partijiet kif ukoll l-istess Jacqueline Higgins l-Avukat Dottor Frank Cassar, f'isem il-konvenuti kien iddikjara li l-patrocinati tieghu kienu "…. baghtu zewg cekks lis-socjeta attrici' u '…. Is-sorte kellu jkun ta' Lm300 …. Izda fadal li jintlahaq qbil dwar l-ispejjes' (fol 4 ibid).

g) Pero', fid-29 ta' Settembru 2003, meta dehru biss Jacqueline Higgins u l-Avukat difensur tad-ditta attrici, il-Qorti giet informata "…. Li z-zewg cheques msemmijin a fol 46 issa skadew. Inoltre ma intlahaqx ftehim fuq l-ispejjes'. (Fol 47 ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, jidher illi hu minnu li d-ditta attrici hi kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' Lm672.17,0, kif mitlub fl-avviz. Pero jidher ukoll mix-xhieda ta' Jacqueline Higgins illi "ex admissis" hemm ammont dovut u ammontanti ghal Lm372 li ghandu jithallas mill-istess ditta attrici lill-konvenuti. Ghalhekk, a basi tal-fatti kif esposti u bl-operat tal-artikoli 1196 u 1197 tal-Kodici Civili, ghandha issir tpacija ('set-off") f'dan il-kaz billi jigi dikjarat li l-ammont dovut jammonta ghal Lm300.17,0.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' "in parte" dak mitlub fl-avviz u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lid-ditta ossija' socjeta attrici s-somma ta' Lm300.17,0 bl-imghax legali mid-9 ta' Lulju 1999 sad-data tal-pagmaent effettiv. In rigward l-ispejjes komrpizi dawk tal-ittri interpellatorji tal-10 ta' Marzu 1999, tad-19 ta' Mejju 1999 u tat-3 ta' Gunju 1999 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tad-9 ta' Lulju 1999, kull parti ghandha fic-cirkostanza tal-kaz kif esposti, ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------